MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 434/2012

**C. Camilleri & Sons (Catering) Limited**

**Vs**

**Justin Farrugia**

Permezz ta' din il-kawza[1] l-attrici qeghda titlob hlas ta' hdax-il elf mija u disgha u hamsin ewro u disgha u tmenin centezmu (€11,159.89)[2] valur ta' oggetti li tallega li l-konvenut seraq minn mahzen tal-attrici.

[1] Rikors guramentat prezentat fit-2 ta' Mejju 2012.
[2] Ara nota ta' riduzzjoni prezentata fid-19 ta' Settembru 2012.

Il-konvenut wiegeb permezz ta' twegiba guramentata prezentata fil-5 ta' Lulju 2012[3] fejn iddikjara li:-

1. Il-gudizzju m'huwiex integru ghaliex kellhom jigu citati wkoll l-akkuzati l-ohra fis-serqa.
2. L-ammont hu ezagerat u l-knovenut ma hax l-ammont pretiz mill-attrici.
3. L-attrici diga' thallset is-somma ta' madwar €3,000 li ghandu jigi mnaqqas.

**L-ewwel eccezzjoni – integrita tal-gudizzju**.

Jirrizulta li fil-kawza **Il-Pulizija vs Justin Farrugia et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-konvenut ammetta li bejn Settembru 2011 u Jannar 2010 kien ikkommetta serq minn fond ta' C. Camilleri & Sons Ltd, liema delitt huwa aggravat bil-mezz, bil-persuna u bil-valur ghaliex jaqbez is-somma ta' €2,329.37[4].

Fil-fehma tal-qorti l-gudizzju hu integru. Ghalkemm jidher li s-serq kien qieghed isir minn iktar minn persuna wahda, m'hemmx dubju li kull darba l-konvenut kien qieghed jippartecipa b'mod attiv fis-serq mill-imhazen tal-attrici. Anzi minn kliem l-istess konvenut, kien l-attur principali. Ghalhekk hu responsabbli *in solidum* ghad-danni li kkaguna lill-attrici (Artikolu 1049 tal-Kodici Civili). Bil-mod kif giet proposta l-kawza l-qorti tista' tqies li l-attrici qeghda titlob id-danni ghat-telf, fil-valur tal-oggetti, li sofriet.

**Tieni eccezzjoni – ammont mitlub hu ezagerat**.

Il-qorti kellha l-opportunita' tisma' lil Justin Farrugia jixhed fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2012 u tat-12 ta' Novembru 2012. Waqt id-deposizzjoni ma kienx kapaci jaghti rendikont ta' x'effettivament seraq mill-mahzen tal-attrici. Meta xehed[5], il-qorti hadet l-impressjoni li flimkien mal-

---

[3] Wara digriet moghti fit-2 ta' Lulju 2012 b'riferenza ghat-talba tal-attrici biex il-kaz jinstema' bid-dispensa tas-smiegh.

[4] Fis-sentenza jinghad: *"Il-Qorti ma setghetx tistabilixxi l-entita' tal-valur tal-merkanzija hekk misruq, sabiex tinkorpora l-hlas lura tal-valur tal-oggett misruq, u ghalhekk ma setghetx taghmel ordni ta' restituzzjoni fuq l-imputati favur id-derubati."* (fol. 6).

[5] Seduta tal-25 ta' Gunju 2012.

komplici serqu dak li kien joghgobhom. Fir-rigward tal-materja prima serqu affarijiet li l-konvenut kien sab il-bejgh ghalihom. Il-konvenut xehed: *“Mistoqsi mill-Qorti x’ghamilt b’dawn l-oggetti nghid li jien kont inbieghhom…. Dan is-serq kien ilu ghaddej xi xahrejn u nofs.”*[6].

Mill-provi jirrizulta li Alexia Spiteri u Christian Camilleri[7] ghamlu ezercizzju biex jistabilixxu il-valur tal-merkanzija li nsterqet. Camilleri xehedet:-

*“Fl-ahhar, meta qbaddnih bil-camera, jiena nikkonferma li gejt inkarigata naghmel certu kalkoli ta’ kemm insterqet merkanzija. Billi inqabbel stock take ma’ stock take ma kien ser jirrizulta xejn – allura minn naha tieghi hassejt li l-ahjar li stajt naghmel kien li nqabbel il-konsum tas-sena precedenti ma’ tal-2011 biex nara fejn kien hemm l-ikbra diskrepanzi. Dan l-ezercizzju sar biss ghal dawk l-affarijiet li jinzammu isfel ghaliex mill-cameras deher li dawn kienu l-affarijiet li nsterqu.”*.

Ghalkemm ma spjegatx ghalfejn l-ezercizzju sar b’dan il-mod, wiehed japprezza li tista’ tghid li kollox ikun jiddependi mill-konsum ta’ materja prima matul is-sena 2011. Hu evidenti li fejn tidhol materja prima l-kalkoli saru fuq zieda ta’ 45% fil-manifattura matul is-sena 2011[8]. M’hemmx dubju li l-ezercizzju li sar ma jistax jaghti rizultati certi. Ix-xhud ma tatx spjegazzjoni kif waslet ghal persentagg ta’ 45% bhala *“productivity increase in 2011”*, u m’hemmx prova jekk f’dan ir-rigward jezistux xi records.

Christian Farrugia spejga li hu responsabbli mill-importazzjoni ta’ prodotti li jinbieghu fil-hwienet. Mill-atti jirrizulta li hu ta taghrif dwar l-inbid u helu li nstab nieqes. Qal li l-informazzjoni hadha minn *stock take* li ghamel fit-3 ta’ Jannar 2012. Mid-dokument a fol. 10 jirrizulta li hemm sebgha mija u sitta u erbghin (746) flixkun tal-inbid li l-attrici qeghda ssostni li nsterqu mill-konvenut. Il-qorti ma temminx li l-konvenut u l-komplici tieghu serqu dawk il-

---

[6] Seduta tal-25 ta’ Gunju 2012.
[7] Ufficjali tal-kumpannija attrici.
[8] Ara Dok. AC3 prezentat mal-affidavit ta’ Alexia Spiteri.

fliexken kollha ta' inbid fil-perjodu qasir li matulu sehh is-serq.

Hu ferm difficli, jekk mhux impossibbli, li wiehed jasal ghac-cifra ezatta bhala valur ta' flus tal-prodotti li nsterqu mill-konvenut u l-komplici tieghu. Il-fatt li l-konvenut ammetta u nstab hati ta' serq ma jfissirx li l-verzjoni tieghu ghandha tigi skartata ghal kollox ghal dak li jikkoncerna l-kwantita ta' merkanzija li seraq minghand il-principal tieghu. Il-qorti tqies li:-

i. Il-kwantita ta' inbid li l-attrici qeghda ssostni li nsteraq mill-konvenut hu ezagerat meta tqies il-perjodu qasir li fih kien qieghed isir is-serq u wara li l-qorti kellha l-opportunita' tisma' lill-konvenut.
ii. Il-kalkoli li saru minn Alexia Spiteri ma jatux stampa ezatta tal-kwantita ezatta ta' merkanzija li nsterqet.

Mehud in konsiderazzjoni dak li jirrizulta mill-atti l-qorti qeghda tillikwida somma ta' disat elef ewro (€9,000) fuq bazi ta' *arbitrio boni viri*.

<u>Tielet eccezzjoni - hlas akkont</u>.

Ma tressqet l-ebda prova li l-attrici thallset is-somma ta' €3,000. Meta xehed fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2012, qal li l-komplici tieghu kien infurmah li kien ghamel xi pagamenti. Certament li f'dan il-kaz l-ahjar prova kienet tkun ix-xhieda tal-komplici. Dak li qal il-konvenuta, bazat fuq dak li qallu haddiehor, m'huwiex ammissibbli bhala prova (Artikolu 598 tal-Kap. 12).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-ewwel u t-tielet eccezzjoni u fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tiddikjara li l-ammont li ghandu jhallas il-konvenut hi s-somma disat elef ewro (€9,000). Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut mehud in konsiderazzjoni li kien l-agir illegali tieghu li ta lok ghal dawn il-proceduri**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------